MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Rikors Maħluf Numru 23/2017 LM

**Nazzareno Abela (K.I. 341161M) f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija Supreme Travel Limited (C 16048)**

***vs.***

**Katya Nedkova Vaneva (K.I. 43111A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-10 ta' Jannar, 2017, minn **Nazzareno Abela f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-kumpannija Supreme Travel Limited** (C 16048) (minn issa 'l quddiem "l-attur *proprio et nomine*"), u maħluf minn Nazzareno Abela (K.I. numru 341161M) stess, li jgħid kif ġej:

*Illi huwa l-proprjetarju tal-vettura tat-tip Peugeot 508 bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY-031;*

*Illi fl-24 ta' Lulju 2016 seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq Sant Andrija, Swieqi, bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY-031, proprjetà tar-rikorrent pro et noe, u l-vettura tat-tip King Long Route Bus bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 113, misjuqa mill-intimata;*

*Illi għall-inċident de quo hija unikament responsabbli l-intimata b'riżultat ta' sewqan traskurat, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tagħha;*

*Illi b'konsengwenza tal-inċident de quo r-rikorrent pro et noe sofra danni konsistenti fi ħsara estensiva fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY-031;*

*Illi għad-danni sofferti mir-rikorrent pro et noe hija unikament responsabbli l-intimata;*

*Illi l-intimata baqgħet inadempjenti fl-obbligu tagħha li tagħmel tajjeb għad-danni sofferti mir-rikorrent pro et noe b'konsegwenza tal-inċident de quo għalkemm debitament interpellata;*

*Illi d-danni sofferti mir-rikorrent pro et noe huma tali li l-azzjoni relattiva għall-inċident de quo hija fil-kompetenza u ġurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti;*

*Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għalhekk tgħid l-intimata għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimata hija unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-24 ta' Lulju 2016 fi Triq Sant'Andrija, Swieqi bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY-031, proprjetà tar-rikorrent pro et noe, u l-vettura tat-tip King Long Route Bus bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 113, misjuqa mill-intimata, għal liema inċident hija unikament responsabbli l-intimata b'riżultat ta' sewqan traskurat, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tagħha;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi b'konsegwenza tal-imsemmi inċident ir-rikorrent pro et noe sofra danni;*

3. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-intimata hija unikament responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti pro et noe konsegwenza tal-imsemmi inċident;*

4. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent pro et noe okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi;*

5. *Tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrent pro et noe d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax kontra l-intimata li hija minn issa inġunta in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Katya Nedkova Vaneva** (K.I. 43111A) (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta"), li ġiet ippreżentata fis-6 ta' Frar, 2017, u maħlufa minnha stess, li biha eċċepiet:

1. *Illi preliminarjament, l-esponenti mhijiex leġittima kontradittriċi tat-talbiet tar-rikorrenti Nazzareno Abela proprio u għalhekk għandha tiġi liberata mill-osservanza fil-konfront tiegħu stante li hija s-soċjetà rikorrenti Supreme Travel Limited proprjetarja tal-vettura ILY-031;*

2. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*

3. *Illi l-inċident stradali li seħħ fl-24 ta' Lulju 2016 fi Triq Sant Andrija, Swieqi waqt li l-esponenti kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 113 ma seħħx b'riżultat ta' sewqan traskurat, imperizja jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-esponenti;*

4. *Illi l-inċident de quo seħħ tort unikament tax-xufier tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ILY-031, proprjetà tas-soċjetà rikorrenti, u dana minħabba negliġenza, traskuraġni, non-kuranza, sewqan perikoluż, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess xufier;*

5. *Illi in vista tal-premess l-ebda ammont ma huwa dovut lir-rikorrenti in linea ta' danni mill-intimata;*

6. *Illi, f'kull każ, kwalsiasi danni għandhom jiġu jkunu reali u ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi;*

7. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta annessa mar-risposta maħlufa tagħha, fejn ikkonfermat illi:

1. *Illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti fl-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tagħhom għandhom jiġu ppruvati għaliex qed jiġu kkontestati;*

2. *Illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni mhumiex kontestati;*

3. *Illi l-fatti msemmija mir-rikorrenti fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni tagħhom huma kontestati għaliex mhux minnu li l-inċident seħħ b'riżultat ta' sewqan traskurat, imperizja jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-esponenti, iżda seħħ unikament tort tax-xufier tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY-031, li kien qiegħed isuq il-vettura proprjetà tas-soċjetà rikorrenti b'manjiera perikoluża, negliġenti, traskurata, u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża odjerna;*

4. *Illi rigward il-fatti msemmija mir-rikorrenti fir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni tagħhom, id-danni reklamati mir-rikorrenti għandhom jiġu ppruvati;*

5. *Illi l-fatti msemmija fil-ħames paragrafu tad-dikjarazzjoni tagħhom qegħdin jiġu kkontestati in kwantu l-inċident ma seħħx b'tort tal-esponenti;*

6. *Illi dwar il-fatti msemmija mir-rikorrenti fis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni tagħhom, jingħad illi mhux minnu li l-intimata baqgħet inadempjenti fl-obbligi tagħha li tagħmel tajjeb għad-danni reklamati mir-rikorrenti, u dana peress li l-pretensjonijiet kollha tal-istess rikorrenti kienu għadhom qegħdin jiġu kontestati, u dan għaliex l-esponenti mhijiex responsabbli għall-ebda danni allegatament sofferti mir-rikorrenti;*

7. *Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Diċembru 2019, fejn il-partijiet ingħataw il-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fil-premessi tar-rikors promutur, l-attur *proprio et nomine* iddikjara li huwa sid tal-vettura tal-għamla Peugeot 508 bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY-031. Tul il-proċeduri rriżulta li fil-fatt din il-vettura hija proprjetà tas-soċjetà Supreme Travel Limited, li l-attur *proprio* huwa direttur tagħha. Permezz ta' dawn il-proċeduri, l-attur *proprio et nomine* qiegħed jitlob lill-Qorti tiddikjara lill-konvenuta responsabbli għal inċident li seħħ fl-24 ta' Lulju, 2016 fi Triq Sant Andrija, fis-Swieqi, fejn il-vettura tal-għamla Peugeot 508, li kienet qiegħda tintuża bħala *taxi,* u li kienet misjuqa minn wieħed mill-impjegati tas-soċjetà Supreme Travel Limited, kienet involuta f'kolliżjoni ma' karozza tal-linja misjuqa mill-konvenuta. L-attur *proprio et nomine* qal li l-konvenuta hija responsabbli għall-inċident minħabba sewqan traskurat, imperizja u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tagħha. Fit-talbiet tiegħu l-attur *proprio et nomine* talab lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident, tiddikjara li konsegwenza tal-inċident l-attur *proprio et nomine* sofra danni, tillikwida d-danni sofferti mill-attur *proprio et nomine,* kif ukoll tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tal-istess.

Il-konvenuta min-naħa tagħha wieġbet li hija mhijiex leġittima kontradittriċi tat-talbiet tal-attur *proprio,* u għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tiegħu. Il-konvenuta eċċepiet li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, u żiedet tgħid li l-inċident stradali tal-24 ta' Lulju, 2016 ma seħħx b'riżultat ta' sewqan traskurat, imperizja u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti da parti tagħha, iżda unikament tort tax-xufier tat-*taxi.* Il-konvenuta eċċepiet ukoll li hija ma kkawżat u m'għandha tiġi kkundannata tħallas l-ebda danni, kif ukoll li

kwalunkwe danni pretiżi mill-attur *proprio et nomine* għandhom ikunu reali u jridu jiġu ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi.

**Provi u riżultanzi**

L-attur **Nazzareno Abela** ta d-depożizzjoni tiegħu waqt l-udjenza tal-11 ta' April, 2017[1], fejn qal li huwa direttur tas-soċjetà Supreme Travel Limited, u l-vettura tal-għamla Peugeot 508 bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY-031 hija rreġistrata fuq din is-soċjetà.[2] Ix-xhud qal li din il-vettura kienet inxtrat mingħand is-soċjetà Michael Attard Limited[3] bil-prezz ta' sebgħa u għoxrin elf, ħames mija u tmenin Euro (€27,580).[4] Spjega li dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, il-vettura kienet qiegħda tinstaq minn wieħed mill-impjegati tas-soċjetà attriċi. Qal li konsegwenza tal-inċident, il-vettura ġiet dikjarata *total loss.*[5] Żied jgħid li huwa ma rċieva l-ebda ħlas għad-danni sofferti meta l-vettura ġiet dikjarata *beyond economical repair.* Ix-xhud qal li minkejja li għamel *claim* mas-soċjetà tal-assigurazzjoni, huwa baqa' ma tħallasx għat-telf li sofra, u qal li l-kopertura tal-assigurazzjoni hija waħda tat-tip *third party* għaliex il-vettura kienet tintuża bħala *taxi.* Kompla jgħid li minkejja li għamel *claim* mas-soċjetà assikuratriċi għan-nom tas-soċjetà Supreme Travel Limited, il-parti konvenuta m'aċċettatx it-tort għal dan l-inċident u għalhekk huwa baqa' ma tħallasx mis-soċjetà tal-assigurazzjoni. L-

[1] *A fol.* 16 tal-proċess.
[2] Kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, *a fol.* 24 tal-proċess.
[3] Kopja tal-ftehim tal-akkwist ta' din il-vettura, *a fol.* 26 tal-proċess.
[4] *A fol.* 25 tal-proċess.
[5] Rapport esebit *a fol.* 31 tal-proċess. Minn dan ir-rapport jirriżulta illi, "*Vehicle sustained irreparable extensive frontal damages, causing also total deployment of airbags and engine damages. Note that due to the costs of parts and repairs, in my opinion the vehicle is beyond economical repairs, therefore I suggest that a cash settlement of Eur 16,000 is to be given to the vehicle owner in which he has to dispose of his own damaged vehicle.*"

attur spjega li fil-ħin li seħħ l-inċident, il-vettura tas-soċjetà Supreme Travel Limited kienet qiegħda tinstaq minn ċertu Jussef Natif Aramanjus (Youssef Massoud), li dak iż-żmien kien u llum għadu impjegat mal-istess kumpannija. Ix-xhud qal li huwa għadu ma ħallasx il-prezz intier għax-xiri ta' din il-vettura, u din għadha qiegħda titħallas.

Waqt l-udjenza tas-17 ta' Mejju, 2017, xehed **Youssef Massoud**[6] li qal li huwa jaħdem bħala xufier mas-soċjetà Supreme Travel Limited, u kkonferma li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien qiegħed isuq il-vettura tal-għamla Peugeot 508 bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY 031. Ix-xhud qal li fil-ħin tal-inċident huwa kien ġej min-naħa ta' Baħar iċ-Ċagħaq fid-direzzjoni lejn it-triq ta' Saint Andrews, fejn f'ħin minnhom sab xarabank fil-karreġġjata tiegħu, li spiċċat quddiemu wara li għamlet manuvra ta' sorpass biex taqbeż vettura oħra li kienet quddiemha.[7] Qal li x-xufier tax-xarabank tah daqqa u bil-konsegwenza ta' din id-daqqa, huwa dar u spiċċa jħares lejn in-naħa l-oħra tat-triq, kontra d-direzzjoni tat-traffiku. Ix-xhud qal li huwa kien qiegħed isuq fuq il-karreġġjata tiegħu, meta xħin qala' d-daqqa, il-vettura li kien qiegħed isuq, daret, u waqfet. Ix-xhud qal li l-ħabta kienet waħda frontali, u mal-impatt filwaqt li l-vettura li kien qiegħed isuq hu daret u ġiet tħares lejn id-direzzjoni opposta, ix-xarabank reġgħet daħlet fil-karreġġjata tagħha. Ix-xhud qal li konsegwenza tal-inċident huwa safa mweġġa' f'għonqu u f'saqajh, u kultant għadu jsofri minn uġigħ.[8] Ix-xhud ġie muri kopja tas-*site plan* ta' fejn seħħ l-inċident[9], u ntalab jagħmel salib sabiex jindika l-post preċiż fejn seħħ l-inċident. Għad-domandi li sarulu in kontroeżami, ix-xhud qal li hu kien ilu

[6] *A fol.* 120 tal-proċess.
[7] Fi kliem ix-xhud, "Qed insuq u rajt lix-xarabank quddiemi. Qabeż karozza u ġie quddiemi min-naħa tiegħi. Tani daqqa u dar hekk u ġie n-naħa l-oħra."
[8] Ix-xhud ippreżenta ċertifikat maħruġ mit-tabib Dr Tonio J. Bugeja fir-rigward tal-ġrieħi sofferti minnu.
[9] *A fol.* 147 tal-proċess.

jaħdem bħala xufier ma' Supreme Travel Limited sentejn, u kien ilu madwar ħmistax-il sena li ġab il-liċenzja tas-sewqan. Żied jgħid li kien ilu jgħix hawn Malta madwar tmintax-il sena. Qal li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa kien beda xogħol fis-siegħa ta' waranofsinhar, filwaqt li l-inċident seħħ għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' billejl. Spjega li huwa kien jaħdem billi jkun għad-dispożizzjoni tal-kumpannija li kienet timpjegah, u meta kien jissejjaħ għax-xogħol huwa kien imur, peress li l-vettura inkwistjoni kienet tkun għandu. Żied jgħid li fil-ħin li seħħ l-inċident huwa ma kellux passiġġieri rekbin miegħu. Qal ukoll li fil-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident, it-triq fiha karreġġjata waħda fuq kull naħa, u dak il-ħin fit-triq ma kienx hemm traffiku, għajr għal vettura waħda oħra li kienet ġiet sorpassata mill-karozza tal-linja li kienet involuta fl-inċident. Ix-xhud qal li fil-ħin meta huwa ra l-karozza tal-linja tagħmel manuvra ta' sorpass, huwa kien qiegħed f'distanza ta' madwar tliet metri mill-karozza tal-linja. Ix-xhud qal li wara l-inċident huwa ntilef minn sensih, u ma kienx jaf jekk fuq il-karozza tal-linja kienx hemm passiġġieri jew le. Qal ukoll li hu ma jafx f'liema naħa tal-karozza tal-linja ġew sofferti l-ħsarat, għalkemm qal li l-ħabta seħħet mhux man-naħa tax-xufier, iżda man-naħa tax-xellug tal-karozza tal-linja:

| | |
|---|---|
| *"Dr Josette Grech:* | *Issa, quddiemek inti u għaddej, kien hemm traffiku?* |
| *Xhud:* | *Le, le kien vojt. Just rajt tal-linja.* |
| *Dr Josette Grech:* | *Quddiemek ma kienx hemm vetturi oħrajn?* |
| *Xhud:* | *Le, le. Fl-għaxra u nofs ta' filgħaxija.* |
| *Dr Josette Grech:* | *Issa, minn faċċata inti rajt vetturi ġejjin?* |
| *Xhud:* | *Le, just rajt tal-linja biss.* |
| *Qorti:* | *Kien hemm il-karozza illi qala' tal-linja wkoll, le?* |
| *Xhud:* | *Qabeż karozza.* |

*Qorti:* *Jiġifieri ma kienx hemm tal-linja biss?*

*Xhud:* *Qabeż karozza u ġie n-naħa tiegħi."*

Permezz ta' nota ppreżentata fis-17 ta' Mejju, 2017, l-attur *proprio et nomine* ppreżenta kopja tar-*road accident report* li sar mill-Pulizija.[10]

Waqt l-udjenza tal-14 ta' Ġunju, 2017 xehed **Stefan Sacco**[11], li qal li huwa jaħdem bħala *hire purchase manager* ma' Michael Attard Limited. Ix-xhud esebixxa kopja tal-kuntratt tax-xiri tal-vettura minn Nazzareno Abela *nomine*, u *statement of account* li jindika xi tħallas għax-xiri ta' din il-vettura u x'bilanċ kien għad fadallu jitħallas.[12]

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll **Stephen Cachia**[13], rappreżentant ta' Transport Malta, li qal li l-vettura tal-għamla Peugeot 508 ta' lewn blu hija rreġistrata fuq isem Nazzareno Abela għan-nom ta' Supreme Travel Limited, u kienet ilha rreġistrata b'dan il-mod mill-24 ta' Ottubru, 2014. Ix-xhud ippreżenta kopja tal-*log book* tal-vettura.[14]

Waqt l-istess udjenza xehed ukoll il-**PS 845 Ian Vella**[15], li qal li kien hu li għamel l-iskizz li hemm esebit fil-proċess. Qal li fl-24 ta' Lulju, 2016, għall-ħabta tal-ħdax ta' billejl, il-Pulizija rċeviet telefonata fejn ġiet infurmata li kien seħħ inċident fi Triq Sant Andrija, is-Swieqi, bejn karozza tal-linja u *taxi.* Il-Pulizija ġiet infurmata wkoll li s-sewwieq tat-*taxi* kien weġġa' u kienet diġà ssejħet ambulanza sabiex tieħu lix-xufier tat-*taxi* l-isptar. Ix-xhud qal li meta waslu l-Pulizija fuq il-post, sabu li t-*taxi* kienet mal-ġenb tat-triq bi ħsarat

[10] *A fol.* 139 tal-proċess.
[11] *A fol.* 151 tal-proċess.
[12] *A fol.* 160 tal-proċess.
[13] *A fol.* 153 tal-proċess.
[14] Dok. 'SC1'.
[15] *A fol.* 162 tal-proċess.

estensivi, u l-karozza tal-linja kienet qiegħda aktar 'il quddiem ipparkjata mal-ġenb tat-triq. Qal li dak il-ħin il-Pulizija setgħet tkellem biss lix-xufiera tal-karozza tal-linja peress li s-sewwieq tat-*taxi* kellu bosta ġrieħi u l-Pulizija ma setgħetx tkellmu dak il-ħin. Kompla jgħid li fuq il-karozza tal-linja dak il-ħin ma kienx hemm passiġġieri u għalhekk ma kien hemm l-ebda xhieda li kienu raw l-inċident iseħħ. Qal ukoll li ħadd ma avviċina lill-Pulizija u qalilhom li ra l-inċident iseħħ. Ix-xhud qal li l-Pulizija baqgħet fuq il-post tal-inċident sakemm wasal is-sid tat-*taxi,* u wara marru l-Isptar Mater Dei fejn kellmu lix-xufier tat-*taxi*. Ix-xhud ikkonferma li t-*taxi* kienet sejra mid-direzzjoni ta' Baħar iċ-Ċagħaq lejn Paceville, filwaqt li l-karozza tal-linja kienet sejra minn Paceville għal Baħar iċ-Ċagħaq. Ix-xhud qal li dak il-ħin kien diġà dalam sew u l-Pulizija kellhom diffikultà jistabbilixxu l-*point of impact* minħabba li l-partijiet tat-*taxi,* id-*debris*, kienu mferrxin f'diversi postijiet mal-art. Min-naħa tagħha x-xufiera tal-karozza tal-linja kkonfermat mal-Pulizija li hija kienet saqet għal xi ħin wara l-impatt, sakemm waqfet mal-ġenb tat-triq. Ix-xhud qal li x-xufiera tal-karozza tal-linja kienet qaltlu li hija saqet għal ftit sabiex ma tostakolax it-traffiku. Ix-xhud qal ukoll li x-xufiera tal-karozza tal-linja kienet qaltlu li kien hemm passiġġieri rekbin fil-karozza tal-linja fil-ħin tal-inċident, iżda ċċara li sakemm waslu l-Pulizija fuq il-post, dawn kienu laħqu telqu.[16]

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2017 xehed **Antwann Mugliett**[17], li kien il-persuna li għamel is-*survey report* tal-vettura proprjetà tal-attur *pro et noe,* li qal li l-vettura tal-għamla Peugeot 508 kienet involuta f'inċident qawwi ħafna, u din ma kinitx vijabbli li tissewwa. Qal li huwa kien ingħata l-inkarigu li jagħmel is-*survey* mill-Middlesea Insurance. Ix-xhud qal li mill-istħarriġ li

[16] Kopja tar-rapport tal-pulizija esebit *a fol.* 175 tal-proċess.
[17] *A fol.* 188 tal-proċess.

għamel fuq il-vettura, huwa ma setax jistabbilixxi jekk il-ħsarat li kellha kinux riżultat ta' sewqan b'veloċità għolja.

Waqt l-udjenza tas-6 ta' Novembru, 2017 xehdet il-konvenuta **Katya Nedkova Vaneva**[18], li kkonfermat li dakinhar tal-inċident hija kienet qiegħda ssuq il-karozza tal-linja bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 113, u dak il-ħin hija kienet sejra mill-Park and Ride ta' Pembroke lejn iċ-Ċirkewwa. Il-konvenuta qalet li l-inċident inkwistjoni seħħ għall-ħabta tal-ħdax ta' billejl, u dak il-ħin hija kellha xi passiġġieri rekbin magħha. Il-konvenuta qalet li dakinhar hija kienet qiegħda taħdem xift ta' madwar sitt sigħat, u meta seħħ l-inċident kien hemm għadd ta' vetturi oħra fit-triq, għalkemm qalet li quddiemha ma kienx hemm vetturi oħra. Il-konvenuta qalet li l-inċident seħħ fil-parti tat-triq ftit wara l-*bus stop* bl-isem Costa, qabel il-parti tat-triq fejn hemm niżla żgħira. Il-konvenuta qalet ukoll li hija rat il-vettura li kienet qiegħda tinstaq fuq in-naħa l-oħra tat-triq, għalkemm dak il-ħin ma kinitx taf li kienet *taxi.* Qalet li xħin is-sewwieq tal-vettura l-oħra wasal quddiemha, dan beda jinvadi l-karreġġjata tagħha, u dak il-ħin hija qalet lill-passiġġieri li kellha rekbin magħha b'dan. Fi kliem il-konvenuta:

> *"At first I thought he was watching his mobile but it was night time, there is lights, you know. Even when you watch your mobile you see the lights, but he slept in the car. When he went exactly to the lights, he pushed up his head and turned to the left."*

Il-konvenuta qalet li hija rat il-vettura ġejja mid-direzzjoni opposta ftit sekondi biss qabel seħħ l-impatt, u hija setgħet tara li s-sewwieq tat-*taxi* kellu rasu baxxuta għaliex dan kien rieqed. Hija kkonfermat li l-impatt seħħ man-naħa

[18] *A fol.* 190 tal-proċess.

tax-xellug tal-vettura tagħha. Il-konvenuta qalet li hija kisret lejn il-lemin sabiex tevita l-impatt, u spjegat:

| | |
|---|---|
| *"Dr Ruben Farrugia:* | *So, you were in the middle of your lane, he was in his lane three seconds away from you from his lane driving properly and all of a sudden he crossed from that side to the closest part of your side of the lane and crashed him to the left side. Correct?* |
| *Xhud:* | *Listen, I turned right just to avoid the accident.* |
| *Dr Ruben Farrugia:* | *So, when you saw him ...* |
| *Qorti:* | *What do you mean by turning right? To avoid the opposite car, you turned right into the lane of the other part of the road?* |
| *Xhud:* | *Yes.* |
| *Dr Ruben Farrugia:* | *So, we are ten metres away from each other, three seconds by distance, you see this car driving on this side of the road. All of a sudden it makes a maneouvre driving into your lane, you pull towards the right ... is that correct? So, you went onto his lane?* |
| *Xhud:* | *Because if I went left, he would crash into the bus."* |

Ix-xhud qalet li filwaqt li hija daret lejn in-naħa tal-lemin tagħha, l-impatt seħħ man-naħa tax-xellug tal-vettura. Waqt li kienet qiegħda tagħti d-depożizzjoni tagħha, il-konvenuta ntalbet tindika fuq l-iskizz il-post fejn seħħ l-impatt. Il-konvenuta qalet li wara li seħħ l-impatt, hija ċċekkjat li l-passiġġieri li kienu rekbin magħha ma kien ġralhom xejn, u wara rat li x-xufier tat-*taxi* kien bilqiegħda fuq bankina.

Il-konvenuta kompliet tagħti d-depożizzjoni tagħha waqt l-udjenza tat-8 ta' Jannar, 2018[19], fejn ikkonfermat li l-persuna li allegatament kienet rat l-inċident iseħħ kien jisimha Medeya Morrissey, u qalet ukoll li lil din il-persuna hija ma tafhiex. Spjegat li xi ġranet wara li seħħ l-inċident, din il-persuna kienet riekba magħha u kienet staqsietha kif kienet baqgħet wara l-inċident tal-24 ta' Lulju, 2016 u l-konvenuta kienet talbitha d-dettalji sabiex f'każ li jkun hemm il-ħtieġa li din il-persuna tixhed, id-dettalji tagħha jkunu għand il-kumpannija li kienet timpjega lill-konvenuta.

Waqt l-udjenza tat-30 ta' Mejju, 2018 xehdet **Rita Azzopardi**[20], li qalet li hija taħdem bħala *executive* fuq l-assigurazzjoni ma' Malta Public Transport Services (Operations) Limited. Ix-xhud qalet li xi jiem wara li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, kien hemm persuna li dakinhar tal-inċident kienet qiegħda ssuq wara l-karozza tal-linja, li avviċinat lill-konvenuta, u tatha d-dettalji tagħha f'każ li jkun hemm il-ħtieġa li din il-persuna titla' tixhed. Ix-xhud speċifikat li isem din il-persuna huwa Medeya Morrisey, u qalet ukoll li għandha informazzjoni li din il-persuna żżur Malta diversi drabi, minkejja li mhix residenti hawnhekk.

Permezz ta' nota ppreżentata fit-22 ta' Novembru, 2018, il-konvenuta ppreżentat kopja tas-*survey report* li sar fuq il-vettura li kienet qiegħda tinstaq minnha fil-ħin tal-inċident, minn fejn jirriżultaw id-dettalji dwar l-ispejjeż u l-ħsarat sofferti minn din il-vettura;[21] sett ta' ritratti li ttieħdu minn uffiċjali tal-Malta Public Transport Services (Operations) Limited;[22] kopja tat-*tracking*

[19] *A fol.* 197 tal-proċess.
[20] *A fol.* 212 tal-proċess.
[21] *A fol.* 223 tal-proċess.
[22] *A fol.* 224 tal-proċess.

*details* tal-vettura BUS 113 fil-ħin ta' qabel l-inċident;[23] kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġurisdizzjoni Kriminali, fejn wara li l-konvenuta kienet ġiet akkużata li fl-24 ta' Lulju, 2016 hija saqet b'mod traskurat, bla kont, u li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, hija involontarjament ikkawżat offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Yousef Natig Aramanyous Massoud, u li b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku hija ħabtet mal-vettura ILY 031 u kkaġunat ħsarat għad-dannu tal-kumpannija Supreme Travel Limited, minn liema akkużi l-konvenuta kienet ġiet liberata;[24] korrispondenza mibgħuta minn Mapfre Middlesea plc permezz ta' *email* u datata 26 ta' Settembru 2016, flimkien ma' għadd ta' dokumenti;[25] u kopja tar-rapport intern dwar l-inċident inkwistjoni magħmul mill-Malta Public Transport Services Operations Limited.[26] Flimkien ma' dawn id-dokumenti, ġiet ippreżentata wkoll kopja ta' dikjarazzjoni maħlufa li saret minn **Medeya Morrisey**[27], li ddikjarat li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, hija kienet qiegħda ssuq wara l-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenuta, u din il-vettura dejjem baqgħet tinstaq fuq il-karreġġjata tax-xellug tat-triq u qatt ma qasmet lejn il-lemin.

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru, 2018 sar il-kontroeżami ta' **Nazzareno Abela**[28], li qal li ma jafx jekk fil-vettura ILY 031 kienx hemm *tracking details* miżmuma. Nazzareno Abela reġa' tressaq sabiex jixhed in kontroeżami waqt l-

---

[23] *A fol.* 229 tal-proċess.
[24] *A fol.* 232 tal-proċess.
[25] *A fol.* 233 tal-proċess.
[26] *A fol.* 236 tal-proċess.
[27] *A fol.* 235 tal-proċess.
[28] *A fol.* 238 tal-proċess.

udjenza tal-11 ta' Jannar, 2019[29], fejn qal li mill-verifiki li għamel, irriżultalu li l-vettura li kienet involuta fl-inċident inkwistjoni ma kinitx mgħammra bi *tracking device.* Ix-xhud esebixxa kopja tal-*log book* tal-vettura inkwistjoni[30] flimkien ma' kopja tar-rapport tas-*surveyor* li sar wara l-inċident.[31] Ix-xhud qal li f'ċirkostanzi bħal dawn, il-kumpannija ma tiħux *statement* mingħand ix-xufiera tagħha, u lanqas ma jsir rapport intern dwar l-inċidenti li jsiru. Qal li wara l-inċident, il-vettura nżammet f'bitħa li għandha l-kumpannija Supreme Travel Limited, u baqgħet ma ġietx skrappjata.

Permezz ta' nota ppreżentata mill-konvenuta fl-4 ta' Frar, 2019[32], hija esebiet kopja tal-*affidavit* tagħha li ġie tradott mil-lingwa Bulgara għall-Ingliż[33]; kopja ta' *google map* taż-żona fejn seħħ l-inċident inkwistjoni[34], flimkien mat-trajettorja tal-vetturi involuti fl-inċident, b'kopja tal-pożizzjoni inizjali u l-pożizzjoni finali rispettiva tagħhom; kopja ta' *street view* taż-żona fejn seħħ l-inċident[35]; u kopji ta' ritratti li ttieħdu minn uffiċjali tal-Malta Public Transport Services (Operations) Limited.[36]

Il-konvenuta fl-*affidavit* tagħha qalet li hija kienet ilha impjegata mal-Malta Public Transport Services (Operations) Limited mit-8 ta' April, 2016. Spjegat kif dakinhar li seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hija kienet qiegħda taħdem ix-xift ta' billejl, fuq ir-rotta li mill-Ajruport twassal għaċ-Ċirkewwa u li tgħaddi mit-triq ta' Baħar iċ-Ċagħaq, u fil-karozza tal-linja kellha bejn għaxra u tnax-il passiġġier. Il-konvenuta spjegat li l-inċident seħħ fil-ħin li kienet

[29] *A fol.* 245 tal-proċess.
[30] *A fol.* 250 tal-proċess.
[31] *A fol.* 252 tal-proċess.
[32] *A fol.* 296 tal-proċess.
[33] *A fol.* 297 tal-proċess.
[34] *A fol.* 300 tal-proċess
[35] *A fol.* 301 tal-proċess.
[36] *A fol.* 302 *et seq.* tal-proċess.

qiegħda ssuq mill-Park and Ride ta' Pembroke lejn Baħar iċ-Ċagħaq, fit-triq tal-Kosta, wara li kienet diġà qabżet il-*bus stop* bl-isem 'Costa'. Qalet li dak il-ħin hija kienet qiegħda ssuq b'veloċità ta' madwar 55 kilometru fis-siegħa, u eżattament qabel seħħ l-inċident hija ma rat l-ebda vettura quddiemha, minkejja li fil-karreġġjata opposta kien hemm numru ta' vetturi għaddejjin. Kompliet tgħid li f'ħin minnhom rat vettura tal-għamla Peugeot ġejja mid-direzzjoni opposta, li f'daqqa waħda bdiet tinstaq fil-karreġġjata li kienet għaddejja minnha hi, u minkejja li bdiet iddoqq il-ħorn sabiex tiġbed l-attenzjoni tax-xufier, dan baqa' ma tax kasha.[37] Il-konvenuta qalet li kif avviċinat din il-vettura, setgħet tara li s-sewwieq kellu rasu baxxuta 'l isfel, u dak il-ħin hija assumiet li dan kien qiegħed iħares lejn il-*mobile* tiegħu, u sabiex tevita li jkollha inċident, hija dawret il-karozza tagħha malajr lejn il-lemin. Qalet li s-sewwieq tal-vettura l-oħra għolla rasu biss xħin kien quddiem il-karozza tal-linja tagħha, u xħin raha quddiemu dawwar ir-rota tal-i*steering* malajr lejn ix-xellug, fejn seħħ l-impatt. Il-vettura l-oħra baqgħet fil-karreġġjata li kienet fiha l-konvenuta. Il-konvenuta spjegat dak li ġara b'dan il-mod:

> "*I had to react quickly and in order to prevent an accident happening with the passengers inside the bus, I turned the bus towards the right as much as I could. It was only when he approached the front left light of the bus that he moved his head up, turned his steering wheel to the left and the collision occurred at that point. He hit the front of the bus from where the number plate is positioned towards the left with his left. His car remained on my lane.*
>
> *While I was moving the bus towards the right to avoid the other car, I saw an electrical pole on the other side and at that point turned to my left back onto my lane.*

[37] Fi kliem il-konvenuta, "*I noticed this car because all of a sudden, the vehicle started to come directly onto my lane towards me in a slanting manner. I tried to use the horn to attract the attention of the driver of this car but my horn didn't work at that time, so I blinked the lights but this didn't attract his attention.*"

*At all times before the accident I remained on my lane. I only turned to the right to avoid the collison when I saw the other driver crossing my lane in a slantwise direction."*

Il-konvenuta qalet li minkejja li dak il-ħin hija kellha numru ta' passiġġieri fil-karozza tal-linja, ħadd minnhom ma taha d-dettalji tiegħu sabiex ikun jista' jagħti l-verżjoni tiegħu tal-inċident. Qalet iżda li xi jiem wara ġiet avviċinata minn persuna ta' nazzjonalità barranija, li kienet għarfitha minn dakinhar li seħħ l-inċident, u tatha d-dettalji tagħha sabiex f'każ li jkun hemm il-ħtieġa tkun tista' tikkuntattjaha.

Il-kontroeżami ta' **Nazzareno Abela** tkompla waqt l-udjenza tat-22 ta' Frar, 2019[38], fejn qal li l-vettura tal-għamla Peugeot 508 li kienet involuta fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri ġiet imħallsa kollha, għalkemm qal li meta seħħ l-inċident, din kienet għadha ma tħallsitx kollha. Ix-xhud qal li prova li l-prezz ta' din il-vettura tħallas kollu huwa l-fatt li l-aġent li biegħlu l-vettura kien bagħatlu l-*log book* oriġinali tagħha.[39]

Permezz ta' nota ppreżentata fit-3 ta' April, 2019, l-attur *proprio et nomine* ppreżenta kopja tal-polza tal-assigurazzjoni li kienet tkopri l-vettura tal-għamla Peugeot 508 involuta fl-inċident.[40]

Waqt l-udjenza tat-12 ta' Lulju, 2019, instemgħet ix-xhieda ta' **Medeya Morrisey**[41], li qalet li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, hija kienet qiegħda ssuq il-vettura tagħha fid-direzzjoni lejn ix-Xemxija wara l-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenuta. Ix-xhud qalet li riekba magħha kien hemm bintha, u hi

[38] *A fol.* 314 tal-proċess.
[39] *A fol.* 250 tal-proċess.
[40] *A fol.* 319 tal-proċess.
[41] *A fol.* 331 tal-proċess.

kienet qiegħda madwar tliet mitt metru bogħod mill-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenuta. Ix-xhud qalet ukoll li ma kien hemm l-ebda vettura oħra quddiemha, u li ma kinitx taf jekk kinux ġejjin vetturi mid-direzzjoni opposta. Ix-xhud iżda qalet li minkejja li hija kienet qiegħda ssuq wara l-karozza tal-linja, hija ma ratx l-inċident kif seħħ u indunat biss li kien ġara xi ħaġa minħabba li rat il-vetturi weqfin u rat raġel bilqiegħda fuq il-bankina li kien qiegħed jirtogħod. Ix-xhud qalet li hija waqfet u avviċinat lil dan ir-raġel u baqgħet fuq il-post sakemm waslet l-ambulanza. Ix-xhud qalet li sena wara li seħħ l-inċident, hija kienet rikbet karozza tal-linja mill-Bajja tal-Għadira, u meta telgħet fuq il-karozza għarfet lix-xufiera li kienet l-istess persuna li kienet involuta fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Aktar tard ix-xhud qalet li hija kienet rat lill-konvenuta ftit tal-ġimgħat biss wara li kien seħħ l-inċident, tant hu hekk li d-dikjarazzjoni magħmula minnha quddiem in-Nutar saret f'Awwissu tal-2016. Ix-xhud qalet li hija kienet offriet li tgħid kulma rat dakinhar li seħħ l-inċident u kien għalhekk li hija tat id-dettalji tagħha lill-konvenuta.

Il-kontroeżami tax-xhud **Medea Morrisey** sar fl-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2019[42], fejn qalet li minkejja li hija kienet qiegħda ssuq il-vettura tagħha f'distanza ta' madwar mija u ħamsin metru bogħod mill-karozza tal-linja, hija ma ratx l-inċident inkwistjoni jseħħ. Ix-xhud qalet li fil-ħin li seħħ l-inċident, fit-triq tal-Kosta kien hemm ħafna dlam, u xħin indunat li kien seħħ inċident, hija waqfet sabiex toffri l-assistenza tagħha. Ix-xhud qalet li l-ambulanza waslet fuq il-post madwar nofs siegħa wara, u sa dak il-ħin il-Pulizija kienu għadhom ma waslux fuq il-post. Qalet li minkejja li hija rat lill-konvenuta fil-post fejn

[42] *A fol.* 341 tal-proċess.

seħħ l-inċident, hija ma rrealizzatx li l-konvenuta kienet ix-xufiera tal-karozza tal-linja, għax dak il-ħin moħħha kien fis-sewwieq tal-vettura l-oħra, li kien jidher li ma kienx f'kundizzjoni tajba. Ix-xhud ikkonfermat li minkejja li dak il-ħin ma indunatx li l-konvenuta kienet ix-xufiera tal-karozza tal-linja, xhur wara hija għarfet lill-konvenuta meta telgħet fil-karozza tal-linja misjuqa minnha u staqsietha dwar l-inċident. Ix-xhud qalet li jum fost l-oħrajn hija ntalbet tiffirma dokument fil-preżenza ta' avukat, li ħejja abbozz tal-verżjoni ta' kif seħħ l-inċident li ġie maħluf minnha, u ftit wara hija ntalbet tagħti d-depożizzjoni tagħha quddiem il-Qorti. Hija qalet li kienet hi li tat lill-avukat l-informazzjoni mniżżla fl-abbozz, u li setgħet tiftakar id-data meta seħħ l-inċident għaliex dakinhar hija kienet sejra lura lejn id-dar wara li bintha kienet ħadet sehem f'kunċert l-Imdina.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

Il-kwistjoni ewlenija li trid tiġi determinata minn din il-Qorti hija dik rigward ir-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni. Iżda qabel tgħaddi biex teżamina l-provi dwar id-dinamika tal-inċident, il-Qorti sejra tindirizza qabelxejn iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-konvenuta. L-ewwel eċċezzjoni tolqot il-pożizzjoni tal-attur *proprio* fil-kawża, ladarba ġie ppruvat li l-vettura tal-għamla Peugeot 508 hija proprjetà tas-soċjetà konvenuta Supreme Travel Limited, filwaqt li t-tieni eċċezzjoni hija jekk din il-kawża setgħetx tiġi mressqa mill-atturi ladarba ġie ppruvat li s-soċjetà Supreme Travel Limited kienet għadha ma saritx sid tal-vettura involuta fl-inċident meta nfetħu dawn il-proċeduri, minħabba li kien għad baqa' bilanċ tal-prezz x'jiġi mħallas.

Mill-provi jirriżulta li minkejja li l-attur Nazzareno Abela fil-premessi għar-rikors promutur qal li huwa s-sid tal-vettura tal-għamla Peugeot 508 li kienet involuta fl-inċident, jirriżulta li din il-vettura kienet irreġistrata fuq isem Supreme Travel Limited, kumpannija li Nazzareno Abela huwa direttur tagħha. Dawn il-proċeduri nfetħu minn Nazzareno Abela kemm f'ismu proprju u kif ukoll għan-nom u in rappreżentanza tal-kumpannija li tagħha hu direttur. Il-konvenuta eċċepiet, li sa fejn Nazzareno Abela fetaħ dawn il-proċeduri kontriha f'ismu proprju, hija mhix leġittima kontradittriċi għaliex hija m'għandha l-ebda relazzjoni ġuridika ma' Nazzareno Abela f'ismu personali.

Il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Frankie Refalo et *vs.* Jason Azzopardi et**[43], għamlet riferiment għal uħud mill-prinċipji ġenerali li jirregolaw din il-materja:

> "Biex jiġi stabbilit jekk parti in kawża kinitx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, il-Qorti trid bilfors tivverifika *prima facie* jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha titwieled l-azzjoni fit-termini proposti.
>
> Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attriċi, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi għaliha, jekk ippruvati, setgħu jwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinsab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha."

Fid-deċiżjoni mogħtija fl-ismijiet **Av. Michael Psaila noe *vs* Joseph Pace et**[44], il-Qorti qalet illi:

> "Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."

---

[43] 05.10.2001.
[44] P.A., 03.10.2008.

Mill-provi prodotti jirriżulta li fuq materji li kellhom x'jaqsmu mal-akkwist tal-vettura involuta fl-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, Nazzareno Abela dejjem deher f'isem u in rappreżentanza tas-soċjetà Supreme Travel Limited. Fil-fatt id-dettalji fuq il-*log book* tal-vettura jagħmluha ċara li din hija rreġistrata f'isem Supreme Travel Limited, li hija soċjetà li għandha personalità ġuridika distinta u separata minn dik tal-attur *proprio,* anki jekk minn dak li ġie dikjarat f'din il-kawża jirriżulta li Nazzareno Abela huwa direttur ta' din is-soċjetà. F'dan ir-rigward, il-Qorti sejra tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta li hija mhix leġittima kontradittriċi tat-talbiet tal-attur *proprio.*

Il-konvenuta teċċepixxi wkoll li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż ladarba ġie ppruvat li meta nfetħu dawn il-proċeduri, il-prezz tal-vettura kien għadu ma tħallasx fl-intier tiegħu, u għalhekk is-soċjetà Supreme Travel Limited kienet għadha ma saritx is-sid tal-vettura inkwistjoni. Il-konvenuta tisħaq fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, li d-drittijiet kollha legali u proprjetarji tal-vettura involuta fl-inċident huma ta' Michael Attard Imports Limited, l-aġent li mingħandu ġiet akkwistata din il-vettura, u dan bis-saħħa tal-*pactum riservati dominii* li sakemm jitħallas il-bilanċ ta' tnejn u għoxrin elf Euro (€22,000), il-vettura inkwistjoni kellha tibqa' meqjusa li hija proprjetà tal-bejjiegħ Michael Attard Imports Limited. Dan bis-saħħa tal-klawsola fil-*hire purchase agreement* iffirmat bejn Supreme Travel Limited u Michael Attard Imports Limited u ppreżentat fl-atti ta' dawn il-proċeduri, li tgħid illi:

> *"Until the sum of €22,000 together with interest and other charges accrued thereon, hereinafter referred to as the Balance, is paid in full by the Purchaser to the Vendor the Vehicle shall remain the sole and absolute property of the Vendor who reserves in his favour the full rights of ownership over the said vehicle."*

Il-Qorti tirrileva li huwa minnu li l-arranġamenti li kellha s-soċjetà Supreme Travel Limited ma' Michael Attard Imports Limited, kienu tali li s-sid proprju tal-vettura, ossija l-bejjiegħ tagħha f'dan il-każ, ittrasferixxa lix-xerrejja Supreme Travel Limited l-użu u l-pussess tal-vettura għaż-żmien sakemm il-prezz tal-bejgħ tal-vettura jitħallas fl-intier tiegħu minn Supreme Travel Limited. Dan ifisser li bis-saħħa tal-ftehim li kellhom il-kontraenti bejniethom, il-proprjetà tal-vettura ma kellhiex tgħaddi għand ix-xerrej sakemm il-prezz miftiehem bejn il-partijiet ikun tħallas kollu. Bis-saħħa ta' din ix-xorta ta' ftehim, il-venditur tal-vettura, f'dan il-każ Michael Attard Imports Limited, jibqa' legalment ikkunsidrat li huwa s-sid tal-vettura sakemm il-prezz miftiehem bejn il-partijiet ikun ġie saldat. Madankollu għandu jiġi rilevat li l-attur nomine kien ħallas parti konsiderevoli mill-prezz tal-akkwist tal-vettura, u baqa' jħallas il-pagamenti rateali miftiehma ma' Michael Attard Imports Limited anki wara li din il-vettura ġiet iddikjarata *total loss.* Il-fatt li l-vettura kienet irreġistrata f'isem Supreme Travel Limited, u mid-dokumenti esebiti jirriżulta li din il-kumpannija kienet indikata bħala l-assikurata ta' din il-vettura, ifisser li fi kwistjoni bħal dik odjerna, hija s-soċjetà Supreme Travel Limited li għandha l-*locus standi* tressaq azzjoni ta' din ix-xorta. Barra minn hekk, il-ftehim li kellhom bejniethom Supreme Travel Limited u Michael Attard Imports Limited huwa *res inter alios acta* fejn tidħol il-konvenuta, li m'għandhiex issib sostenn f'dak li ġie kkontrattat bejn terzi sabiex targumenta li l-attur nomine ma kellux jipproċedi kontriha fi proċeduri ta' din ix-xorta, u dan bis-saħħa ta' dak li jipprovdi l-artikolu 1001 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta.[45] Għaldaqstant din l-eċċezzjoni tal-konvenuta qiegħda tiġi miċħuda.

[45] L-art. 1001 tal-Kap. 16 jgħid: "Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal ħaddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-liġi."

Jifdal għalhekk li tiġi determinata l-kwistjoni tar-responsabbilità għall-inċident inkwistjoni. Mill-provi prodotti u mix-xhieda li nstemgħu fil-kawża, kienu tlieta l-persuni li kienu preżenti fil-ħin li seħħ l-inċident u li taw id-depożizzjoni tagħhom f'dawn il-proċeduri - ix-xufier tat-*taxi,* Youssef Massoud, il-konvenuta u ċerta Medeya Morrisey, li fil-ħin li seħħ l-inċident inzertat qiegħda ssuq wara l-karozza tal-linja misjuqa mill-konvenuta. Dawn it-tliet xhieda, ilkoll taw verżjonijiet konfliġġenti dwar il-mod kif seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Youssef Massoud, ix-xufier tal-vettura tal-għamla Peugeot 508 proprjetà tal-attur nomine, qal li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien qiegħed isuq fid-direzzjoni li minn Baħar iċ-Ċagħaq twassal lejn Pembroke, fi Triq Sant'Andrija, limiti tas-Swieqi, meta f'ħin minnhom karozza tal-linja li kienet qiegħda tinstaq mid-direzzjoni opposta, invadiet il-karreġġjata tiegħu. Ix-xhud qal li x-xufiera tal-karozza tal-linja għamlet manuvra ta' sorpass sabiex taqbeż vettura oħra li kienet quddiemha, u biex għamlet hekk invadiet il-karreġġjata opposta li kien nieżel minnha hu, bir-riżultat li seħħ l-impatt. Qal li mad-daqqa l-vettura misjuqa minnu daret tħares lejn in-naħa opposta tat-triq, filwaqt li l-karozza tal-linja reġgħet daħlet fil-karreġġjata tagħha tax-xellug. Qal ukoll li mal-impatt, il-vettura li kienet qiegħda tinstaq minnu ġarrbet ħsarat estensivi, filwaqt li għal xi ħin intilef minn sensih u ma jafx x'ġara aktar minn dak il-ħin 'il quddiem. Ir-ritratti esebiti fil-kawża, u x-xhieda mogħtija mill-Pulizija li marru fuq il-post tal-inċident, ilkoll jikkonfermaw li l-ħsara fit-*taxi* kienet waħda estensiva u li d-*debris* minn din il-vettura inxtered għal diversi metri.

Il-konvenuta min-naħa tagħha qalet li bħala xufiera tal-karozza tal-linja hija kienet qiegħda taħdem ir-rotta li mill-Ajruport twassal għaċ-Ċirkewwa, u fil-ħin li seħħ l-inċident hija kienet qiegħda ssuq mid-direzzjoni tal-Park and Ride

ta' Pembroke lejn iċ-Ċirkewwa. B'differenza minn dak li allega x-xufier tat-*taxi,* il-konvenuta qalet li dak il-ħin fit-triq ma kienx hemm vetturi oħra quddiemha, u kien ix-xufier tat-*taxi* li invada l-karreġġjata tagħha meta għal xi raġuni dan beda jsuq f'direzzjoni djagonali u ratu jsuq b'rasu baxxuta bħallikieku qiegħed jiċċekkja il-*mobile*. Il-konvenuta qalet ukoll li x-xufier tat-*taxi* jista' jkun li kien rieqed u kien għalhekk li dan tilef il-kontroll tal-vettura tiegħu sabiex spiċċa jsuq fil-karreġġjata tagħha. Il-konvenuta qalet li hija daret lejn il-lemin u b'hekk ħarġet mill-karreġġjata tagħha sabiex tevita l-impatt mat-*taxi,* u l-impatt seħħ meta x-xufier tat-*taxi* bħal induna x'kien ser jiġri u reġa' kiser l-i*steering* tiegħu lejn ix-xellug. Il-konvenuta qalet li meta rat lix-xufier tat-*taxi* javviċina l-karreġġjata tagħha, hija bdiet iddoqqlu l-ħorn sabiex tattiralu l-attenzjoni, iżda dan kien ta' xejn, u meta indunat li huwa kellu rasu baxxuta, iddeċidiet li tikser lejn il-lemin bl-intenzjoni li tevitah. Il-konvenuta qalet li dan kollu seħħ fi ftit sekondi biss.

Ix-xhud Medeya Morrisey, li kienet qiegħda ssuq wara l-karozza tal-linja fil-ħin li seħħ l-inċident, qalet li l-karozza tal-linja baqgħet dejjem tinstaq fil-karreġġjata tax-xellug. Minkejja li kienet preżenti fit-triq fil-ħin li seħħ l-inċident, din ix-xhud qalet li hija ma ratx l-inċident iseħħ, u indunat li kien ġara inċident biss meta rat il-vetturi weqfin u lix-xufier tat-*taxi* bilqiegħda fuq il-bankina. Huwa evidenti għalhekk li dak li qalet din ix-xhud qajla jitfa' dawl fuq id-dinamika tal-inċident, u x-xhud għandha biss impressjoni ta' kif setgħu ġraw l-affarijiet, partikolarment għax tgħid biss li l-karozza tal-linja baqgħet tinstaq dejjem fil-karreġġjata tagħha, xi ħaġa li ġiet kontradetta mill-konvenuta stess.

Il-Qorti kkonsidrat il-provi kollha miġjuba quddiemha, minn fejn jirriżulta li fattur komuni li qablu dwaru kemm ix-xufier tat-*taxi* kif ukoll il-konvenuta,

huwa li l-konvenuta invadiet il-karreġġjata tal-lemin, fejn proprju seħħ l-impatt. Ix-xufier tat-*taxi* jgħid li huwa kien għaddej mit-triq għall-affari tiegħu meta f'ħin minnhom inħasad bil-fatt li sab il-karozza tal-linja tinvadilu l-karreġġjata tiegħu, filwaqt li l-konvenuta tgħid li hija daret malajr lejn il-lemin sabiex tipprova tevita l-impatt mat-*taxi* li kienet qiegħda tinvadi l-karreġġjata tagħha. Kemm l-iskizz f'*fol.* 147 tal-proċess, kif ukoll l-*aerial photo* esebit *a fol.* 300 tal-proċess iservu biex jagħtu indikazzjoni ċara tal-post, u tal-pożizzjoni li kienu fiha l-vetturi fil-ħin li seħħ l-impatt. Jirriżulta ċar, kemm mill-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet, kif ukoll mid-dettalji inklużi fid-dokument f'*fol.* 300, li kienet x'kienet ir-raġuni għalfejn għamlet hekk, il-konvenuta ħarġet 'il barra mill-karreġġjata tagħha u invadiet il-karreġġjata li kien għaddej minnha x-xufier tat-*taxi* b'mod perikoluż ferm, li saħansitra kien ikollu konsegwenzi agħar li kieku dak il-ħin kienu ġejjin aktar vetturi mill-istess direzzjoni li kien ġej minnha x-xufier tat-*taxi.* Il-manuvra azzardata li għamlet il-konvenuta wasslitha biex għal sekondi prezzjużi tilfet il-*proper lookout* li sewwieq suppost iżomm il-ħin kollu fit-triq, bir-riżultat li xħin ippruvat terġa' tikser lejn il-karreġġjata tax-xellug sabiex terġa' tidħol f'postha, ma setgħetx tagħmel il-kalkolu tagħha biex tevita lix-xufier tat-*taxi,* u proprju għalhekk l-impatt seħħ fil-karreġġjata li kien fiha x-xufier tat-*taxi.* F'dan ir-rigward, il-Qorti qieset li l-verżjoni mogħtija mill-konvenuta, li kien ix-xufier tat-*taxi* li invada l-karreġġjata tagħha l-ewwel, u li hija kisret lejn il-lemin sabiex tevitah, ma mhijiex kredibbli, partikolarment minħabba li l-impatt seħħ proprju fil-karreġġjata li kien ġej minnha x-xufier tat-*taxi,* u għalhekk il-verżjoni mogħtija mill-konvenuta li hija għamlet din il-manuvra kollha sabiex tevitah, ma jirriżultax li għandha mis-sewwa.

Mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li l-vettura tal-attur nomine kellha *pre-accident value* ta' dsatax-il elf Euro (€19,000) u r-*wreck value* tal-vettura huwa ta' tlett elef Euro (€3,000). Dan ifisser li d-dannu attwali soffert mill-attur nomine jammonta għal sittax-il elf Euro (€16,000).

**Decide**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta;**

**2. Tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta;**

**3. Tiddikjara li l-konvenuta hija unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ fl-24 ta' Lulju, 2016 fi Triq Sant'Andrija, Swieqi bejn il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ILY 031, proprjetà tas-soċjetà attriċi, u l-vettura tat-tip King Long Route Bus bin-numru ta' reġistrazzjoni BUS 113, misjuqa mill-konvenuta, għal liema inċident hija unikament responsabbli l-konvenuta b'riżultat ta' sewqan traskurat, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti tagħha;**

**4. Tiddikjara li konsegwenza tal-imsemmi inċident, is-soċjetà attriċi sofriet danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom il-konvenuta;**

**5. Tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' sittax-il elf Euro (€16,000), liema danni għandhom jitħallsu mill-konvenuta lis-soċjetà attriċi.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv, kontra l-konvenuta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**